

Brussell, 22 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15854/23

MAP 55
MI 1025
COMPET 1161
DELECT 186

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 15 ta' Novembru 2023

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2023) 7652 final

Suġġett: REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...
ta' 15.11.2023

li jemenda d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti minimi għall-kuntratti ta' provvisti, ta' servizzi u ta' xogħlijiet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 7652 final.

Mehmuż: C(2023) 7652 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.11.2023
C(2023) 7652 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 15.11.2023

li jemenda d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti minimi għall-kuntratti ta' provvisti, ta' servizzi u ta' xogħlijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 68 tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE, għar-reviżjoni tal-limiti. Dak l-Artikolu jipprevedi wkoll, f'każ ta' limitazzjonijiet taż-żmien, l-użu tal-proċedura ta' urġenza, f'konformità mal-Artikolu 66b ta' dik id-Direttiva.

L-Artikolu 68 tad-Direttiva 2009/81/KE jipprevedi wkoll li l-limiti minimi fl-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva għandhom jiġu riveduti fl-istess waqt bħal-limiti applikabbli għad-Direttiva dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

Għal raġunijiet ta' koerenza, jenħtieġ li l-limiti minimi stabbiliti fid-Direttiva 2009/81/KE jiġu allinjati mal-limiti riveduti stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE.

Il-kalkolu tal-limiti jsir fuq il-bażi tal-valur medju ta' kuljum tal-euro, fit-termini tad-Drittijiet Speċjali ta' Prelevament (Special Drawing Rights, SDR), matul perjodu ta' 24 xahar li jintemm fil-31 ta' Awwissu qabel ir-reviżjoni, b'effett mill-1 ta' Jannar.

B'konsegwenza, il-kalkolu tal-limiti ma jistax jibda qabel l-1 ta' Settembru minħabba d-disponibbiltà tad-*data*. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 68(3) tad-Direttiva 2009/81/KE, il-limiti minimi riveduti f'euro u l-valuri ekwivalenti tagħhom fil-muniti nazzjonali l-oħra tal-Istati Membri tal-UE jridu jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE* fil-bidu ta' Novembru.

Fid-dawl ta' dan kollu, u sabiex tintlaħaq l-iskadenza msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni qed tuża l-proċedura ta' urġenza biex tadotta dan ir-Regolament.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Akkwist tad-Difiża u s-Sigurtà ġie kkonsultat dwar dan ir-Regolament u dwar il-Komunikazzjoni li takkumpanjah.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Il-kalkolu tal-limiti għad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku huwa operazzjoni purament matematika u, għalhekk, ir-reviżjoni tal-limitu minnha nnifisha hija sempliċiment eżerċizzju tekniku.

Dan irid isir kull sentejn f'konformità mat-termini tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. L-iskop tal-aġġustamenti hu li jsiru korrezzjonijiet għal kull ċaqliq fil-muniti bejn il-firmatarji li jista' jaffettwa l-firxa tas-swieq tal-akkwist tagħhom li huma miftuħa għall-kompetizzjoni minn kumpaniji f'pajjiżi firmatarji oħra.

Il-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku għandu mekkaniżmu għall-kalkolu mill-ġdid tal-valur ekwivalenti tal-limiti tiegħu, li jiġu f'fissati f'SDRs, fil-muniti tal-partijiet kontraenti tiegħu kull sentejn. Dan il-mekkaniżmu jingħata effett legali permezz tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/24/UE.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 15.11.2023

li jemenda d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti minimi għall-kuntratti ta' provvisti, ta' servizzi u ta' xogħlijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 68(1), it-tieni subparagrafu, tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċizzjoni 2014/115/UE², il-Kunsill approva l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern³ konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim emendat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern ("il-Ftehim") huwa strument plurilaterali u għandu l-għan li jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Il-Ftehim japplika għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist pubbliku b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti stipulati fih ("il-limiti") u espressi bħala drittijiet speċjali ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ huwa li jippermetti lill-entitajiet kontraenti u lill-awtoritajiet kontraenti li japplikaw dik id-Direttiva, jikkonformaw fl-istess waqt mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/25/UE, kull sentejn il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 15, il-punti (a) u (b), ta' dik id-Direttiva, jikkorrispondu għal-limiti stabbiliti fil-Ftehim u jekk dan ikun neċessarju, tirrevedihom.
- (3) Il-limiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE ġew riveduti. F'konformità mal-Artikolu 68(1) tad-Direttiva 2009/81/KE, il-limiti minimi stabbiliti f'dik id-Direttiva għandhom jiġu allinjati mal-limiti riveduti stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE.
- (4) Skont l-Artikolu 68(1) tad-Direttiva 2009/81/KE, il-Kummissjoni għandha tirrevedi wkoll il-limiti minimi stabbiliti fl-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva fl-istess waqt meta

¹ ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.

² Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).

³ ĠU L 68, 7.3.2014, p. 2.

⁴ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

ssir ir-reviżjoni tal-limiti stabbiliti fid-Direttiva 2004/17/KE⁵. L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, li ħassret id-Direttiva 2004/17/KE, jeħtieġ li kull sentejn il-Kummissjoni trid tirveddi l-limiti b'effett mill-1 ta' Jannar. Għalhekk jenħtieġ li l-limiti għas-snin 2024–2025 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.

(5) Il-kalkolu tal-limiti ma jistax jibda qabel l-1 ta' Settembru minħabba d-disponibbiltà tad-*data*. Skont l-Artikolu 68(3) tad-Direttiva 2009/81/KE, il-limiti minimi riveduti f'euro u l-valuri ekwivalenti tagħhom fil-muniti nazzjonali l-oħra tal-Istati Membri tal-UE jridu jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE* fil-bidu ta' Novembru. Fid-dawl ta' dan kollu, u sabiex tintlaħaq l-iskadenza msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2009/81/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/81/KE huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-punt (a), “EUR 431 000” huwa sostitwit b’“EUR 443 000”;
- (2) fil-punt (b), “EUR 5 382 000” huwa sostitwit b’“EUR 5 538 000”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15.11.2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

⁵ Id-Direttiva 2004/17/KE tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).